Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/232

tal-15 ta' Diċembru 2015

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jikkonċerna ċerti aspetti ta' kooperazzjoni bejn il-produtturi

(ĠU L 44, 19.2.2016, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2092 tal-25 ta' Awwissu 2022	L 281	18	31.10.2022
►M2	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2896 tas-17 ta' Ottubru 2023	L 2896	1	22.12.2023

▼B

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/232

tal-15 ta' Diċembru 2015

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jikkonċerna ċerti aspetti ta' kooperazzjoni bejn il-produtturi

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistipula regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 f'dak li jikkonċerna ċerti aspetti tal-kooperazzjoni tal-produtturi. Dan japplika mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi stabbiliti fir-Regolamenti li ġejjin:

(a) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 ([1]) dwar is-settur tal-frott u l-ħaxix;

(b) Ir-Regolament (UE) Nru 880/2012 ([2]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 511/2012 ([3]) fir-rigward tas-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib; kif ukoll

(c) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 611/2014 ([4]) dwar is-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-ikel.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "organizzazzjoni tal-produtturi tranżnazzjonali" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni tal-produtturi li l-azjendi tal-produtturi membri tagħha jkunu jinsabu f'aktar minn Stat Membru wieħed;

(b) "assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi tranżnazzjonali" tfisser kwalunkwe assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li l-organizzazzjonijiet membri tagħha jkunu jinsabu f'aktar minn Stat Membru wieħed;

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat (ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 880/2012 tat-28 ta' Ġunju 2012 li jissuplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kooperazzjoni transnazzjonali u n-negozjati kuntrattwali tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib (ĠU L 263, 28.9.2012, p. 8).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 511/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 dwar notifiki li jikkonċernaw l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u dawk interprofessjonali u negozjati kuntrattwali u relazzjonijiet previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib (ĠU L 156, 16.6.2012, p. 39).

([4]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 611/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programmi ta' appoġġ għas-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-ikel (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 55).

▼B

(c) “organizzazzjoni interprofessjonali tranżnazzjonali” tfisser kwalunkwe organizzazzjoni interprofessjonali li l-membri tagħha jkunu involuti fil-produzzjoni, fl-ipproċessar jew fil-kummerċ ta' prodotti koperti mill-attivitajiet tal-organizzazzjoni f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Artikolu 3

Esternalizzazzjoni

1. Is-setturi li fihom l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-esternalizzazzjoni skont l-Artikolu 155 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu dawk elenkati fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament.

2. Organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li jesternalizzaw kwalunkwe attività minn tagħhom għandhom jidħlu f'arranġament kummerċjali permezz ta' kuntratt bil-miktub, li jiżgura li l-organizzazzjoni tal-produtturi jew l-assoċjazzjoni tal- organizzazzjonijiet tal-produtturi żżomm il-kontroll u s-superviżjoni tal-attivitajiet li jkunu qed isiru.

Artikolu 4

Rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet tranżnazzjonali

1. Suġġett għat-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu III tat-Titolu II tal-Parti II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, huwa l-Istat Membru li fih organizzazzjoni tal-produtturi tranżnazzjonali jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi tranżnazzjonali jkollha għadd sinifikanti ta' membri jew organizzazzjonijiet membri jew volum jew valur sinifikanti ta' produzzjoni kummerċjabbli, jew l-Istat Membru li fih il-kwartieri ġenerali ta' organizzazzjoni interprofessjonali tranżnazzjonali huwa stabbilit, li jiddeċiedi dwar ir-rikonoxximent ta' tali organizzazzjoni jew assoċjazzjoni.

2. L-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi l-kooperazzjoni amministrattiva neċessarja mal-Istati Membri l-oħra li fihom il-membri ta' tali organizzazzjoni jew assoċjazzjoni jinsabu fir-rigward tal-verifika tal-konformità mat-termini tar-rikonoxximent msemmija fl-Artikoli 154, 156 u 157 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

3. L-Istati Membri l-oħra fejn jinsabu l-membri ta' organizzazzjoni tal-produtturi tranżnazzjonali, ta' assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi tranżnazzjonali jew organizzazzjoni interprofessjonali tranżnazzjonali għandhom jagħtu l-assistenza amministrattiva neċessarja kollha lill-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1.

4. L-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħmel disponibbli l-informazzjoni rilevanti kollha fuq talba ta' Stat Membru ieħor fejn ikunu jinsabu l-membri ta' tali organizzazzjoni jew assoċjazzjoni.

▼M1

Artikolu 5

Notifiki

1. Sal-31 ta’ Marzu ta’ kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja dwar l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-assoċjazzjonijiet ta’ organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali, kemm dawk nazzjonali kif ukoll dawk tranżnazzjonali, rikonoxxuti minn dawk l-Istati Membri (“entitajiet rikonoxxuti”) matul is-sena preċedenti, miġbura skont is-setturi differenti tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013:

▼M1

(a) l-isem, in-numru ta' identifikazzjoni, jekk ikun hemm, u d-data tar-rikonoxximent tal-entitajiet rikonoxxuti, kif ukoll id-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li abbażi tagħha tkun ġiet rikonoxxuta kull entità;

(b) l-għadd totali ta' membri ta' kull entità;

(c) l-indikazzjoni dwar liema minn dawk l-entitajiet implimentaw programm operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2021/2115 matul is-sena finanzjarja preċedenti;

(d) għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-għadd ta' membri mhux produtturi tagħhom;

(e) l-isem tal-entitajiet li għalihom ir-rikonoxximent ġie miċħud, sospiż jew irtirat, inkluża d-data tad-deċiżjoni, u, fejn xieraq, in-numru ta' identifikazzjoni tagħhom;

(f) l-isem tal-entitajiet rikonoxxuti li ngħaqdu ma' entitajiet rikonoxxuti oħrajn, inkluża d-data tal-fużjoni, l-għadd totali u l-isem tal-entitajiet rikonoxxuti li jirriżultaw mill-fużjoni u, fejn xieraq, in-numru ta' identifikazzjoni tagħhom.

Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ukoll lill-Kummissjoni lista kompluta u aġġornata tal-entitajiet rikonoxxuti kollha li jkollhom dak l-istatus fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel, akkumpanjata mill-informazzjoni rilevanti elenkata fl-ewwel subparagrafu.

2. Sal-15 ta' Novembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni d-*data* li ġejja għas-sena preċedenti dwar l-organizzazzjonijiet tal-produtturi nazzjonali u tranżnazzjonali rikonoxxuti u l-assoċjazzjonijiet rikonoxxuti tagħhom, miġbura skont is-setturi differenti tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013:

(a) il-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata għal kull entità, iddeterminat f'konformità mal-Artikoli 31 u 32 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 ([1]) u, fejn xieraq, għal kull prodott jew lista ta' prodotti li għalihom ingħata r-rikonoxximent. Jekk ma tkun disponibbli l-ebda *data* dwar il-produzzjoni kummerċjalizzata, għandu jiġi kkomunikat valur ta' "0";

(b) għall-entitajiet rikonoxxuti fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, fejn xieraq, il-volumi annwali kummerċjabbli ta' ħalib mhux ipproċessat prodotti minn kull entità, diżaggregati għal kull Stat Membru tal-produzzjoni fil-każ ta' organizzazzjoni tranżnazzjonali;

(c) għall-entitajiet rikonoxxuti fis-settur tal-frott u l-ħaxix, il-parti tal-produzzjoni maħsuba għas-suq frisk u l-parti tal-produzzjoni maħsuba għall-ipproċessar, fil-valur u fil-volum.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rekwiżiti addizzjonali għal ċerti tipi ta' intervent speċifikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-perjodu mill-2023 sal-2027 skont dak ir-Regolament kif ukoll regoli dwar il-proporzjon għall-istandard 1 tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT) (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 52).

▼M2

2a. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-estensjoni tad-deċiżjonijiet meħuda matul is-sena preċedenti skont l-Artikolu 164 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013: it-titolu ta' kull deċiżjoni, is-settur ikkonċernat, id-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni, il-perjodu tal-applikazzjoni tal-estensjoni, ir-referenzi uffiċjali tal-pubblikazzjoni u, fejn applikabbli, il-lokalizzatur uniformi tar-riżorsi (URL) tad-deċiżjoni.

▼M1

3. Għall-organizzazzjonijiet tranżnazzjonali rikonoxxuti tal-entitajiet rikonoxxuti kollha, l-informazzjoni meħtieġa fil-paragrafi 1 u 2 għandha tiġi ppreżentata mill-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent skont l-Artikolu 4(1).

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu billi jużaw is-sistema bbażata fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185.

▼B

Artikolu 6

Thassir

Ir-Regolamenti (KE) Nru 223/2008 u (KE) Nru 709/2008 huma mħassra.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.